MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012

Numru. 448/2012

Il-Pulizija
(Sp Sylvana Briffa)
vs
Aurelio Schembri, iben Mario, imwieled Pieta' fit-18 ta' Jannar, 1988, karta ta' l-identita numru 48488(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli matul il-perjodu ta' bejn il-5 ta' April, 2011 u l-10 ta' Majju, 2011 ġewwa dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta' monitor. Liema serq hu kkwalifkat bil-persuna u li sar għad-dannu tal-kumpanija WasteServ Malta Ltd. u/jew persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li r-refuritiva ġiet ritornata.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(d), 268(d) u 281(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijjiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------